# APPREZZAMENT (3)

## Dun Manwel Spiteri

### 1933 - 2011



**Saċerdot-Emigrant għal 16-il sena, Kappillan fl-Awstralja, President tal-Leġjun ta' Marija f'ta' Sannat, Direttur Spiritwali tal-*Friends of Australia Association - Gozo***

Il-Fergħa Għawdxija tal-Assoċjazzjoni tal-Ħbieb tal-Awstralja (F.O.A.A.G.) tħabbar il-mewt ta' Dun Manwel Spiteri, 50 sena saċerdot, 16-il sena emigrant fl-Awstralja, 34 saċerdot f'Għawdex u tlett snin id-Direttur Spiritwali tal-F.O.A.A.G..

Dun Manwel Spiteri twieled ta' Sannat, Għawdex, nhar is-26 ta' Diċembru 1933. Attenda l-iskola primarja ta' Sannat, minn hemm għadda għal Liċeo tar-Rabat, u fl-1953 daħal is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu', ir-Rabat, fejn kompla l-istudji sa meta ġie ordnat saċerdot fil-Katidral, nhar it-2 t'April 1960 mill-Isqof Ġużeppi Pace. Wara li sar qassis, Dun Manwel għamel sentejn is-Seminarju Minuri f'Għawdex bħala għalliem u prefett tal-interni.

F'Lulju 1962, Dun Manwel siefer għall-Awstralja fuq il-vapur 'Aurelia' bħala kappillan u *Welfare Officer* ta' l-Emigranti fuq il-vapur. Mal-Wasla tiegħu l-Awstralja, ddeċieda li jibqa' jaħdem ta' qassis f'dak il-kontinent, u fi ftit żmien, ingħaqad mal-Isqof Patrick Lyons tad-Djoċesi ta' Sale fil-lvant ta' l-Istat ta' Victoria fejn serva l-parroċċi, l-ewwel bħala viċi u mbagħad bħala kappillan. B'kollox għamel hemm 16 sena. F'Awwissu tal-1977 reġa' lura ta' Sannat, f'Għawdex minn fejn serva lid-Djoċesi fil-kapaċità tiegħu ta' saċerdot għal 34 sena oħra.

Huwa sar membru tal-F.O.A.A.G. fl-2007 u sena wara ġie appuntat id-Direttur Spiritwali tal-istess assoċjazzjoni. Propju f'Lulju li għadda, Dun Manwel Spiteri ċċelebra għeluq il-Ħamsin sena tal-ordinazzjoni tiegħu bħala qassis. Dakinhar il-President-Fundatur tal-F.O.A.A.G. Dr Raymond C. Xerri u l-Kummissarju Għoli Awstraljan għal Malta, E.T. Anne Quinane attendew għal din l-okkażjoni memorabbli.

Il-Fergħa Għawdxija tal-Ħbieb tal-Awstralja ħeġġet l-1900 Għawdxi-Awstraljan li jgħixu f'Għawdex juru r-rispett tagħhom lejn persuna li għamlet ħafna f'ħajjitha b'risq l-emigranti Maltin u Għawdxin. Il-funeral ta' Dun Manwel Spiteri sar nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar 2011, fl-4.00pm fil-knisja ta' Santa Margerita u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita, ta' Sannat, Għawdex.

Il-Fergħa Għawdxija tal-Ħbieb tal-Awstralja ser tagħti tislima speċjali lil Dun Manwel Spiteri fl-avveniment annwali, *Queen's Birthday Event* li ser torganizza l-Assoċjazzjoni f'Ġunju li ġej.

***Dr Raymond C. XERRI***
***Il-President-Fundatur tal-Friends of Australia Association - Gozo***

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

A Whole New Look
***Sharmain's Styling Salon***
Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236